**21 ta' Frar, 1964**
**Imħallfin:**
**Is-S. T. O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Valerian Formosa

*versus*

Sq. Ldr. Alfred Hone.

## Kolliżżjoni — Danni

*Meta l-konvenut ikun sofra danni ugwali jew akbar minn dawk li bagħta l-attur, ma hemmx lok għal kundanna tal-konvenut għal ħlas tad-danni lill-attur.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur — wara li ppremetta illi fil-ħmistax (15) ta' Jannar, 1961, il-konvenut waqt li kien qiegħed isuq il-car tiegħu numru 18776 minn Old Church Street, Siġġiewi, imħabba traskuraġni, nuqqas ta' għaqal u inosservanza tar-regolamenti tas-sewqan, ġie in kolliżżjoni mal-motor-cycle Triumph 200 numru 16093 proprietà tiegħu, u kkaġunalu danni rilevanti kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; talab illi premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun il-konvenut, prevja jekk hemm bżonn dikjarazzjoni li l-kolliżżjoni saret imħabba traskuraġni nuqqas ta' għaqal u inosservanza tar-regolamenti tas-sewqan da parti tal-konvenut, jiġi kkundannat iħallsu, in linea ta' danni minnu sofferti, mħabba ħsara riportata fil-motor-cycle tiegħu, dik is-somma li tiġi likwidata anke jekk hemm bżonn b'opera ta' periti nominandi. Bl-ispejjeż,

kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar, 1961.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha eċċepixxa illi l-kolliżżjoni riferita fl-att taċ-ċitazzjoni ġiet provokata u kaġjonata unikament imħabba l-ħtija u negliġenza ta' l-istess attur. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-digriet tat-tmientx (18) ta' April, 1961, li bih ġie nominat perit biex jirrelata jekk il-konvenut huwiex responsabbli għall-kolliżżjoni ndikata fiċ-ċitazzjoni, u f'każ affermativ biex jillikwida d-danni pretiżi sofferti mill-attur, u biex jissottometti wkoll l-osservazzjonjiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ.

Rat il-proċess verbali tal-aċċess u s-seduti miżmuma mill-perit legali kif ukoll ir-relazzjoni ta' l-istess perit.

Rat id-digriet tal-ħamsa (5) ta' Gunju 1962, li bih fuq talba ta' l-attur ġew nominati periti addizzjonali biex jirrelataw fuq l-oġġett li fuqu rrelata l-ewwel perit.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess periti addizzjonali.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-tlieta (3) ta' Ottubru, 1963 li biha ddeċidiet billi, wara li ddikjarat li l-kolliżżjoni ndikata fiċ-ċitazzjoni ġrat bi ħtija ta' l-attur, ċaħdet it-talbit tiegħu bl-spejjeż kollha tal-kawża wara li kkunsidrat:—

Illi jirriżulta li fil-ħmistax (15) ta' Jannar, 1961, f'xi t-3.00 p.m. il-konvenut kien qiegħed imexxi l-car tiegħu Volkswagen Numru 1877 ġie min-naħa ta' Għar-Lapsi u għaddej minn Old Church Street, sejjer lejn pjazza San Nicola, Siġġiewi: kellu miegħu lil bintu Denise, riekba qud-

diem, ħdejh, u lil martu Mary, riekba wara. Meta wasal ftit il-bogħod min fejn it-trieq imsemmijja tistokka ġo Pjazza San Nicola, il-'car' tal-konvenut ġie f'kolliżżjoni ma' motor-cycle *Triumph 200 numru 16093 proprjeta* ta' l-attur u li kien imexxi minnu. Bil-ħabta ż-żewġ vetturi sofrew ħsara partikolarment il-motor-cycle. L-attur jaddebita l-responsabbilita tal-kolliżżjoni lil-konvenut, mentri dan ta' l-aħħar jiddeklina kwalunkwe responsabbilita.

Illi l-attur *jaskrivi* r-responsabbilita msemmija *lil-konvenut* għal dawn ir-raġunijiet. Hu jgħid li kien sejjer minn Pjazza San Nicola għal Old Church Street, Siġġiewi, ċioe fid-direzzjoni inversa tal-konvenut b'xi għoxrin mil fis-siegħa; meta wasal fil-kantuniera hu lemaħ lil konvenut *minn* xi ħamsin pied il' bogħod minnu miexi f'nofs it-trieq, u allura hu ġibed lejn in-naħa tiegħu. l-aktar għaliex deherlu li kien hemm post minfejn jgħaddi, iżda l-konvenut baqa miexi min-nofs u mbagħad kiser ġo fih, u ħabtu; il-motor-cycle tiegħu laqgħat lill-konvenut fuq il-bumper ta' quddiem lejn in-naħa tal-lemin tal-'car', u hu tar minn fuq il-motor-cycle u spiċċa mixħut quddiem taħt il-'car'; jikkalkola li fil-ħin tal-ħabta hu kien imexxi l-motor-cycle b'xi 15 il-mil fis-siegħa. Min-naħa tiegħu, l-konvenut jgħid li meta tfaċċa quddiemu l-ewwel darba hu deherlu li l-attur kien bil-ħsieb li jaqsam it-triq quddiemu biex jidħol f'side street, St. James Street, fuq ix-xellug tiegħu, ċioe tal-konvenut; imma l-attur meta wasal f'nofs it-trieq reġa dar fuq ix-xellug u mill-ġdid mar fuq il-lemin; għalhekk hu waqqaf il-car f'nofs it-trieq, billi ma setgħax jagħraf l-attur f'liema direzzjoni kien sejjer; il-car waqqafha meta l-attur kien għadu xi erbatax il-pass 'il bogħod minnu; l-attur baqa miexi lejh, head-on, mingħajr ma għamel ebda tentativ li jwaqqaf, u ħabat maċ-ċentru tal-bumper tal-car; il-motor-cycle daħal taħt il-parti ta' quddiem tal-car, u l-attur tar għal fuq il-bonnet, dgerbeb minn fuqu, u ġie fl-

art ħdejn ir-rota ta' wara tal-lemin tal-car.

Illi fl-ewwel relazzjoni, il-perit wasal għall-konkluzzjoni li l-konvenut ma għandux jirrispondi għall-ħsara kaġunata lill-motor-cycle fl-iskontru mal-karrozza tiegħu, b'mod li ma hemmx lok li jgħaddi għat-tieni parti tal-inkarigu tiegħu. Ir-raġunijiet li nduċew lill-ewwel perit jasal għal din il-koklużżjoni huma li l-kolliżżjoni ġrat unikament imħabba l-manjera ta' sewqan ta' l-attur li meta, fl-aħħar manuvra, kiser biex jerġa jiġi fuq is-side tiegħu ħalli jgħaddi bejn il-car u t-tarf ta' tarġa fuq il-lemin tal-car — dan jingħad għaliex it-trieq ma fihiex bankini — isswingja 'l barra wisq; tilef il-kontroll; u baqa dieħel fuq il-car wieqaf ta' l-attur. Fir-relazzjoni tagħhom, il-periti addizzjonali ssottomettew li kienet biss il-kondotta tal-konvenut li kkaġunat il-kolliżżjoni, billi hu żamm fuq in-naħa l-ħażina tat-trieq sal-mument ta' l-iskontru, u ma ġibitx għal fuq in-naħa tiegħu biex iħalli lill-motor-cycle ta' l-attur jgħaddi fuq il-lemin tal-karrozza.

Illi dina l-Qorti taqbel mal-konklużżjoni raġġunta fl-ewwel perizzja u mhux ma dik raġġunta mill-periti addizzjonali, u għal dawn ir-raġunijiet segwenti. L-indaġini li trid issir hija l-ewwel dik dwar ir-raġunijiet li għalihom il-kontendenti jaskrivu lil xulxin il-ħtija għall-kolliżżjoni; u, mbagħad, dwar ir-raġunijiet sottomessi fiż-żewġ perizji li nduċewhom jaslu għall-konklużżjoni minnhom rispettivament raġġunta. L-attur jaskrivi l-ħtija lill-konvenut għaliex jippretendi li dan kien miexi f'nofs it-trieq, u għalhekk hu ġibed lejn in-naħa tiegħu l-aktar għax deherlu li kien hemm post mnejn jgħaddi; il-konvenut baqa miexi minn nofs, u anzi kiser ġo fih, u ġrat il-ħabta. Mhux f'kuntrast, għaliex jinsab rikonoxxut minnu stess, li l-konvenut kien miexi f'nofs it-trieq Old Church Street, u l-periti addizzjonali biex waslu għall-konklużżjoni minnhom raġġunta ib-

bażaw ruħhom kważi unikament fuq din iċ-ċirkostanza. Pero, din iċ-ċirkostanza waħedha mhiex biżżejjed biex il-konvenut jiġi ritenut responsabbli għall-kollizzjoni, għaliex il-fatt li driver isuq minflok fuq ix-xellug tat-trieq, kif iridu r-regolamenti, fuq il-"crown of the road" mhux deċiżiv għas-soluzzjoni tal-kwistjoni dwar liema driver kien il-ħtija tal-kollizzjoni (Vol. XXXVII IV 1137): u "the driver who is on the wrong side of the highway in violation of the rule of the road is generally the cause of the collision and therefore responsible for the damage sustained by the one driving on the proper side, provided the latter was exercising reasonable care" (Gibb & Millner, The Trial of Motor Car Accident Cases Sec. 73 p. 64). Issa, darba li l-motor-cycle, skond l-istess attur ħabat fuq il-bumper ta' quddiem tal-car u l-car kif ingħad kien f'nofs it-trieq, bilfors isegwi li l-attur ma kienx on the proper side, imma kien ukoll on the wrong side in violation of the rule of the road. Kwindi l-attur ma jistax jibbenefika mir-regola ġa msemmija għaliex ma kienx "driving on the proper side"; u kif sa jingħad, l-attur lanqas ma kien "exercising reasonable care." Barra min dan, l-attur jirrikonoxxi li għalkemm il-konvenut kien miexi f'nofs it-trieq, kien hemm post minn fejn hu jgħaddi. Kwindi b'dik il-vjolazzjoni kollha tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, l-attur ma kienx ostakolat li jipprosegwi fil-kors tiegħu. Pero, l-attur jgħid b'żieda li l-konvenut mhux biss baqa miexi min-nofs it-trieq imma kiser ġo fih; jiġifieri l-konvenut kiser ġo fih min-nofs it-trieq fejn kien, u baqa jmexxi l-car sal-mument tal-ħabta. Dawn iż-żewġ asserzjonijiet ta' l-attur minnu deposti, mhumiex sostenibili. Bħalma ġie sottomess fl-ewwel perizzja, kieku verament il-konvenut kiser fuq l-attur, il-posizzjoni tal-car tal-konvenut mhux biss kienet tkun angolata lejn il-lemin, cioe f'posizzjoni diversa minn dik kif hija murija fl-iskizz li ġie

magħmul mill-perit fuq informazzjonijiet u qisien mogħtija lilu waqt l-aċċess, imma l-car kien jolqot il-motor-cycle mhux bil-parti tal-lemin tiegħu ta' quddiem kif jirrikonoxxi l-istess attur, imma aktarx bil-parti tan-nofs ta' quddiem; u f'dan il-każ il-motor-cycle kien jiġi milqut pjuttost fuq il-ġemb tal-lemin tiegħu b'mod li, mal-ħabta l-attur ma kienx jiġi mtajjar, kif fil-fatt ġara, fuq il-bonnett tal-car. Dan seta ġara biss, kif ġara, għaliex il-motor-cycle ġie in kontatt mal-car bil-parti ta' quddiem tiegħu, ħaġa din li ma setgħetx tiġri jekk, kif jippretendi l-attur, il-konvenut ftit qabel il-ħabta kien kiser għal fuq il-lemin tiegħu. Il-Qorti tirritjeni aċċettabbli l-affermazzjoni tal-konvenut, korroborat minn martu u bintu, li hu waqqaf il-car meta l-motor-cycle kien għadu xi erbatax il-pass il bogħod minnu; jiġifieri fil-ħin tal-iskontru l-car tal-konvenut kien wieqaf; u li mhux il-car tal-konvenut daħal ġol-motor-cycle, imma l-motor-cycle ta' l-attur daħal u ħabat mal-car. Del resto l-attur jirrikonoxxi din iċ-ċirkostanza fid-deposizzjoni tiegħu, meta jgħid: ". . . Il-mutur tiegħu laqtu" (lil konvenut) "fuq il-bumper ta' quddiem tiegħu . . ."

Illi ġie sottomess mill-periti addizzjonali, u minnhom konkluż, li l-konvenut kien fi ħtija għaliex waqqaf il-car fuq in-naħa ħażina tat-trieq sal-mument tal-ħabta, u ma ġiebidx għal fuq in-naħa tiegħu biex iħalli lill-motor-cycle ta' l-attur jgħaddi fuq il-lemin tal-car; li l-konvenut ma kellux għal fejn iwaqqaf il-car, u b'dak il-waqfin tal-car f'nofs it-trieq l-attur ġie sorpriż. Fil-fehma ta' dina l-Qorti dawn is-sottomissjonijiet u konklużżjoni tal-periti addizzjonali mhumiex aċċettabili. Huwa veru, bħalma ġa ntqal, li l-konvenut kien imexxi u waqqaf il-car f'nofs it-trieq; imma kif ġa wkoll intqal, skond ma jgħid l-istess attur, u anke l-istess periti, bejn fejn waqqaf il-car u t-tarf tal-kareġġjata kien hemm spazju biżżejjed, għalkemm ristrett

ħafna, fuq in-naħa tax-xellug tal-motor-cycle biex dan jista jgħaddi. B'dan kollu, il-periti jissottomettu li l-attur ġie sorpriż bil-waqfien tal-car f'nofs it-trieq b'mod li ma rnexxilux jiddiriġi l-motor-cycle ġo dak l-ispazju. Però, l-attur ma kellux għal fejn jiġi sorpriż għaliex hu jgħid li ra l-car tal-konvenut f'nofs it-trieq meta kien għadu xi ħamsin pied 'il bogħod mil-car, u dak il-ħin hu deherlu li kien hemm, kif jirriżulta li kien hemm, spazzju biżżejjed minfejn jgħaddi: ma jirriżultax li l-konvenut biddel dik il-posizzjoni, ċioe kiser lejn il-lemin tiegħu anzi jirriżulta li waqaf fejn kien, fejn kien raħ mill-ewwel l-attur, f'posizzjoni ċioe li kienet tħalli spazzju lill-attur li minnu jista jgħaddi. Ma jittrattax mil-każ li l-konvenut kien miexi regolarment fuq is-side tiegħu u f'daqqa waħda, meta wasal ħdejn l-attur, jew ftit qabel, resaq lejn nofs it-trieq. Jista jingħad anzi jgħiduh il-periti addizzjonali li l-konvenut ma kienx ġustifikat jieqaf u li kien messu ġibed min-nofs it-trieq fuq in-naħa tiegħu biex iħalli l-motor-cycle ta' l-attur jgħaddi. Hawn tiġi rilevata diverġenza bejn it-teżi ta' l-attur u l-bażi tal-konklużżjoni tal-periti addizzjonali, fis-sens li l-attur jgħati tort lill-konvenut għaliex baqa miexi u daħal fuqu, ċioe ma waqafx; u l-periti jatuh tort għaliex waqqaf. Kif jingħad aktar il' fuq; jirriżulta soddisfaċentement li l-konvenut waqqaf il-car, fil-posizzjoni fejn kien, f'nofs it-trieq, meta l-attur kien xi ħmistax il-pass 'il bogħod minnu. Il-Qorti tirritjeni li l-konvenut fiċ-ċirkostanzi kif se jissemma kien ġustifikat iwaqqaf il-car fil-posizzjoni li kienet f'nofs it-trieq, anke mingħajr ma jibqa miexi u jersaq lejn is-side tiegħu. Il-konvenut jgħid li waqqaf il-car f'nofs it-triq fejn kien għaliex deherlu, bil-manuvri li l-attur kien qiegħed isegwi, li dan ried jaqsam it-triq, Old Church Street, minn quddiemu biex jidħol f'St. James Street, fuq ix-xellug tal-car. Jekk huwa veru li l-attur għamel dawn il-manuvri, dan is-serpeġġjar, li jsemmi l-kon-

venut, u li l-periti addizzjonali ma jsemmu assolutament xejn dwarhom, allura l-konvenut kien ġustifikat iwaqqaf il-car fejn kien jinsab, mingħajr ma jersaq lejn is-side tiegħu; u dan, anzi, biex jiffaċilita l-passaġġ lill-attur. Diversament, tant kieku baqa miexi kemm kieku resaq lejn is-side tiegħu, il-konvenut kien jimblokka lill-attur il-passaġġ għal dik it-trieq. St. James Street, u kienet issir kollizzjoni Il-periti addizzjonali ma tawx affidament għal dak li jgħid il-konvenut, ċioe li hu osserva li min-nofs it-trieq fejn kien imexxih, l-attur isswervja l-motor-cycle lejn ix-xellug tiegħu, u mill-ġdid dawru lejn il-lemin, u b'hekk tah x'jaħseb li ried imur f'St. James Street, u għalhekk hu waqqaf il-car fejn kien. Il-periti issottomettew li l-konvenut ma kienx ġustifikat jaħseb kif ħaseb, għaliex fil-fatt l-attur ma sserpeġġjax: iżda kien imexxi sewwa, isegwi regolarment u korrettament il-kurva tat-trieq kif kel'u jagħmel u li kienet biss il-konformazzjoni tat-trieq li tagħt l-impressjoni lill-konvenut li l-attur kien qegħed jisserpeġġja. Issa. kieku kien hemm f'dan ir-rigward l-asserzjoni isolata tal-konvenut, kienet forsi din l-asserzzjoni tiġi skartata; u jingħad "forsi," għaliex l-istess tikkreja dubju serju li għandu jmur a vantaġġ tal-konvenut. Pero, din l-asserzzjoni tinsab korroborata mhux biss minn mart il-konvenut u binthu, imma mill-istess attur. Infatti, jgħid l-attur espressament fid-deposizzjoni tiegħu in kontro eżami: ". . . Qabel kien hemm raġel fil-kantuniera miexi 'l fuq, u biex niskapulah kelli ninġibed ftit 'il barra mis-side tiegħi u okkupajt qiesu kwart mit-trieq; u biex jiena niskapula lil konvenut, jiena erġajt ġbidt lejn in-naħa tiegħi. . . ." L-attur jieqaf hawn. Pero. min-naħa tiegħu l-attur darba ii ħabat mal-car tal-konvenut li kien wieqaf f'nofs it-trieq. bilfors li reġa' ġibed lejn nofs it-trieq, probabilment biex jipprova jgħaddi mil-ispazju bejn il-car u tarf it-tarġa u jibqa sejjer il fuq minn Old Church Street: u hekk jiġu

*preċizament it-tliet serpeġġjamenti* ta' l-attur li jiddeskrivi l-konvenut. Kwindi bħalma ikkonkluda l-perit fl-ewwel relazzjoni, għandu jiġi ritenut li l-kolliżżjoni ġrat unikament minħabba l-manjera ta' sewqan ta' l-attur, li meta, fl-aħħar manuvra, kiser biex jerġa' jiġi fuq is-side tiegħu ħalli jgħaddi bejn il-karrozza u t-tarf tat-tarġa fuq il-lemin tagħha, isswingja 'l barra wisq tilef il-kontroll, u baqa' dieħel fil-car wieqaf ta' l-attur: l-attur ma kienx qiegħed jieħu "reasonable care" fit-tmexxija tal-motor-cycle. Jista jkun li n-negliġenza inizzjali kienet tal-konvenut; imma dan ikkoreġa ruħu, billi waqqaf il-car, fi żmien utili qabel il-ħabta, b'mod li l-attur kellu l-opportunita li jevita l-kolliżżjoni, u kwindi r-responsabilita taqa fuqu u tapplika t-teorija tal-"last opportunity."

Illi stante din il-konklużżjoni li ġiet għaliha l-Qorti ma hemmx lok li jiġu likwidati d-danni pretiżi minnhu sofferti kif domandat mill-attur.

Rat in-nota li biha l-attur appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi riformata (sic) billi tiġi revokata fejn ċaħdet it-talba tiegħu u tiġi milqugħa l-istess talba bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Il-Perit Gudizzjarju nominat fl-ewwel lok mill-ewwel Onorabbli Qorti wasal għall-konklużżjoni illi l-ħtija tal-kolliżżjoni kienet unikament ta' l-attur in-nifsu, bla ebda

responsabilita da parti tal-konvenut.

Il-Periti Addizzjonali ġew għal konklużjoni dijametralment opposta, cioe illi ħati tal-kolliżżjoni kien unikament il-konvenut bla ebda ħtija da parti ta' l-attur.

L-ewwel Onorabbli Qorti adattat il-konklużżjoni ta l-ewwel Perit għax sabitha aktar raġunata u bażata fuq il-provi minn dik tal-Periti Addizzjonali.

F'dan il-konflitt ta' opinjoni u apprezzament il-Qorti tistqarr illi ħasset ċerta perplessita u wara li qieset kollox u studjat bir-reqqa tant il-provi kemm l-opinjoni ta' l-esperti kif ukoll, s'intendi, r-raġunamenti ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, waslet għal konklużżjoni illi s-soluzzjoni ġusta hi dik tan-nofs, ċioe illi l-kolliżżjoni ġrat bi ħtija tat-tnejn u li t-tnejn kienu ugwalment responsabbli għaliha.

Mill-parti l-waħda ma jidherx li jista jiġi dubitat illi kieku l-konvenut waqqaf jew żamm stettament lejn innaħa tiegħu tat-trieq, il-konvenut kien ikollu wisq iktar spazzju fuq in-naħa tiegħu mnejn jgħaddi. Min-naħa l-oħra anqas jista jiġi dubitat illi kien il-mod ta' sewqan anteċedenti ta' l-attur illi ġigħal lill-attur li jadotta soluzzjoni li għad li lilu setgħat dehritlu 'safe' u raġonevoli, fil-fatt ikkontribwit għall-kolliżżjoni. Il-Periti Addizzjonali semmew il-konfigurazzjoni jew konformazzjoni tat-trieq li kienet iġġigħel lill-attur li jsegwiha b'mod li jagħti l-impressjoni li kien qed jisserpeġġja: iżda l-Periti naqsu li jsemmu — dak li kien jirriżulta mix-xhieda ta' l-istess attur — li hu kien anke sserpeġġja biex "jiskapola" tniedem: u dan ma setgħax ħlief jikkonfondi lill-konvenut dwar x'kienet l-intenzjoni ta' l-attur. Jekk mill-banda l-waħda l-waqfien tal-konvenut fin-nofs, kemm xejn anzi mxaqleb lejn il-lemin ingombra b'xi tliet piedi fuq quddiem in-nofs tal-karreġ-

ġjata fuq in-naħa ta' l-attur, mil-banda l-oħra kieku l-attur kien aktar attent u kellu iktar kontrol tal-motor-cycle li kien qed isuq, kien hemm spazju biżżejjed min fejn sata jgħaddi bla ma jiġri xejn. Il-kolliżżjoni ċioe l-impart ġara kważi fuq il-linja medjana tat-trieq: ħaġa li turi illi l-attur ma kienx qiegħed iżomm u lanqas ġibed biżżejjed lejn is-'side' tiegħu. Il-konvenut għalhekk ikkontribwixxa billi in parti ostruwixxa l-passaġġ ta' l-attur u dan ikkontribwixxa billi ma żammx lejh, meta sata, u ma kkontrollax l-motor-cycle b'mod li nvesta lill-konvenut.

Il-ħsara li ġrat fil-motor-cycle ta' l-attur u li tagħha qed jitlob l-indennizz ammontat b'kollox, skond il-kontijiet eżibiti minnu, għal wieħed u tlettin lira u ħames xelini (£31. 5. 0), fil-waqt illi l-ħsara li ġrat fil-motor-car tal-konvenut ammontat għal sitta u tlettin lira, disgħa xelini u erba soldi (£36. 9. 4). Għalhekk fuq il-bażi ta' responsab-bilita ugwali għall-kolliżżjoni; l-attur ma għandu jieħu xejn minn għand il-konvenut.

Għal dawn il-motivi u fis-sens premess il-Qorti tid-disponi mill-appell, billi tiddikjara illi l-kolliżżjoni ġrat b' ħtija ugwali tant tal-konvenut kemm ta' l-attur u f'dan is-sens tirriforma d-dikjarazzjoni ta' responsabbilita magħ-mula fis-sentenza appellata, iżda billi l-ħsara sofferta mill-konvenut hi ikbar min dik sofferta mill-attur m'hemm lok għal ebda kundanna tal-konnvenut għal ħlas ta' danni lill attur u f'dan is-sens tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ċaħdet it-talba ta' l-attur għal dan il-ħlas.

L-ispejjeż tant ta' prim' istanza kemm ta' l-appell jit-ħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.